MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1846/2004

**GasanMamo Insurance Ltd. kif surrogata fid-drittijet ta’ l-assikurata taghha Graziella Criminale u l-istess Graziella Criminale**

**Vs**

**Joseph John Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici fejn ippremettiet illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ tlett mija u sbatax-il lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm317.12) u dana in kwantu ghas-somma ta’ mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u tnaxi-il centezmu (Lm142.12) dovuta lis-socjeta’ attrici assikuratrici, u in kwantu ghas-somma ta’ mija u hmsa u sebghin Lira Maltrin (Lm175.00) spettanti lill-attrici Graziella Criminale, rappresentanti dan it-total, danni li huma soffrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru FAJ 835 fit-13 ta’ Jannar, 2002 gewwa

San Giljan habat mal-vettura numru GMW 228 proprjeta' ta' Graziella Criminale u kkaguna danni fl-istess vettura;

L-atturi jsostnu li ghal dan l-incident huwa unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Jannar, 2003 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma' dan l-avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Lulju, 2004;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija da parti tieghu, izda sehh unikament tort tan-negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Graziella Criminale.

Ra x-xhieda ta' PS 1113 Emanuel Aquilina li ighid li fit-13 ta' Jannar, 2002 kien gie msejjah fuq kollizzjoni f'Dragonara Road, St.Julians bejn il-vettura GMX 228 u FAJ 835. Sakemm wasal fuq il-post ma kellux rapport li kienu tmissew il-vetturi u ghalhekk hejja r-rapport u l-iskizz. Jikkonferma li kien hemm xhud okulari u dan kien PC 498 li kkonferma l-verzjoni tat-*tow truck* u cioe' il-vettura FAJ 835;

Ra x-xhieda ta' Graziella Criminale. Tispjega li dakinhar ta' l-incident hi kienet qed issuq il-vettura GMX 228, gejja mill-*coast road* u sejra fid-direzzjoni ta' San Giljan. Tispjega illi kien hemm pulizija li kien waqqafha u dan kien ghall-habta tas-1.30 am. Malli waqfet xi hadd irriversja ghal fuqha;

Id-daqqa kienet fuq ix-xellug, in-naha tal-passiggier u kien hemm ukoll xi daqqiet mal-mera u mal-bieba ta' quddiem;

Il-polza ta' assikurazzjoni taghha mas-socjeta' attrici kienet wahda "*comprehensive"* u il-kumpanija assikuratrici kienet hallsitha tad-danni;

Tghid ukoll li hi ma marritx tipprova taqbez lill-konvenut. Il-pulizija kien fuq in-naha tal-lemin tat-*tow truck*;

Ra x-xhieda ta' PC 498 David Agius li jispjega li dakinhar ta' l-incident huwa kien passiggier fit-*tow truck* FAJ835. Waqt li t-*truck* kien faccata tal-*Burger King*, San Giljan, kien qed jitkellem ma' kollega, u hass daqqa fit-*truck*. Meta nizel biex jivverifika, irrizultalu li kien hemm vettura li kienet messet mal-van;

Jikkonferma li fil-mument ta' l-impatt il-vettura kienet wieqfa;

Ra x-xhieda tal-konvenut Joseph John  Zammit li jispjega li dakinhar tal-incident kien qed isuq *tow truck* u kien jinsab quddiem il-*Burger King*, Paceville fil-presenza ta' PC 498  David Agius, li kien qed jitkellem mas-surgent sabiex jara fejn kellhom imorru jiehdu il-posizzjoni taghhom. Kien f'dak il-hin li hassew daqqa u malli hargu sabu vettura mdahhla fit-trukk;

Din il-vettura kienet misjuqa minn mara li insistiet li huwa (il-konvenut) kien irriversja ghal fuqha;

Il-konvenut ighid li hi baqghet tinsisti u kien hemm xi persuni tat-taxi li insistew maghha li tghid li hu kien irriversja u dan sabiex jiehu t-tort;

Il-konvenut ighid li l-incident sehh ghall-habta tas-1.00 am u minkejja li jkun hemm xi toroq maghluqin bit-*truck* ikun jista' jghaddi kullimkien basta jkun akkumpanjat minn pulizija. Biex johrog minn Paceville, jispjega li jkun jrid johrog minn fejn hemm il-*traffic lights* u allura jkun irid jghaddi minn Dragonara Road;

Ra x-xhieda ta' Daniela Dalli, li kienet passiggiera fil-vettura ta' l-assikurata Graziella Criminale. Tghid li kienu dehlin Paceville fil-vicinanzi tal-*Burger King* u hasset

daqqa fuq in-naha taghha u lil Graziella kienet qaltitlha li kienu faqghula l-genb tal-vettura taghha. Ma tiftakarax jekk kienitx rat vettura qabel ma sehh l-impatt. Mal-impatt tghid li waqqfu l-vettura. Il-habta tikkonferma saret ma' vettura kbira u l-incident sehh waqt li huma kienu mixjin;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Il-verzjonijiet tal-partijiet huma ghal kollox kontrastanti fis-sens li kull parti taghti tort lill-parti l-ohra. Il-konvenut ighid li waqaf jitkellem ma' xi pulizija, u l-attrici Criminale baqqghet diehla go fih. Minn naha l-ohra, l-attrici tghid li kienet ghaddejja meta l-vettura misjuqa mill-konvenut, li nsertat *tow truck* irriversjat ghal fuqha;

Ix-xhud okulari li kien flimkien mal-konvenut jikkonferma l-verzjoni tieghu, filwaqt li l-passiggiera li kienet mal-attrici taqbel mal-verzjoni ta' l-attrici, pero', ma tiftakarx jekk qabel l-impatt kienitx rat il-vettura tal-konvenut;

Huwa appena necessarju jinghad li l-oneru tal-prova tar-responsabbilta' tal-konvenut ghall-kollizjoni de quo jinkombi fuq l-atturi li istitwew il-kawza u li jkun sufficjenti li din il-prova issir a bazi ta' *balance of probability* li pero' hu il-minimu rikjest. It-Tribunal ghalhekk irid jiddeciedi fuq bazi ta' probabilitajiet jekk l-atturi lahqux dan il-livell ta' prova;

It-Tribunal jghid mill-ewwel li dan il-kompitu mhux wiehed facli specjalment minhabba il-konfltt tal-provi dedotti. Il-fatt li jkun jezisti konflitt tal-verzjonjiet pero, wahdu, ma jffisirx li l-ezercizzju jieqaf hemm ghax jekk nonostante dan il-konflitt it-Tribunal jista' ragonevolment jasal ghal konkluzjoni li jaccetta wahda minn dawk il-verzjonijiet l-ezercizzju ikun komplet;

L-attrici Criminale tghid li kien hemm hafna traffiku u kien waqqafha pulizija u malli waqfet sabet li l-konvenut irriversja ghal fuqha. Irrizulta car mill-provi ukoll li l-vettura

tal-konvenut kienet tinstab faccata tal-Burger King f'Paceville;

Kemm il-konvenut, kif ukoll ix-xhud PC Agius ighidu li huma kienu waqfu sabiex jitkellmu mal-pulizija, pero' zgur li l-konvenut ma kienx prudenti meta hu stess qed jammetti li ma kienx ipparkjat go *parking bay*, izda kien waqaf f'nofs tat-triq. Il-fatt *per se* li l-konvenut ma kienx ipparkjat meta sehh l-incident huwa  kkonfermat meta l-istess konvenut jistqarr li hu kien qed jiehu direzzjonijiet mill-pulziija biex inghata informazzjoni dwar fejn kellu jiehu l-posizzjoni tieghu;

Vettura mhux ipparkeggjata, izda li waqfet f'nofs ta'triq hija indikattiva ta' vettura misjuqa minn persuna li ma tkunx esercitat prudenza fis-sewqan u dan billi ma tkunx osservat ir-regolamenti tat-traffiku. Pero' ghal fini ta' responsabbilta' civili dan mhux bizzejjed ghax irid jirrizulta nexus bejn din it-traskuragni u l-incident. Jigifieri jekk il-fatt ta' negligenza jew imprudenza ma jkun per se almenu ikkontribwixxa ghal l-incident jiqba fatt newtrali;

Dana qed jinghad ghax il-fatt li sewwieq isib vettura wieqfa quddiemu ma jintitolahx jibqa' diehel go fiha jew ikun induna bih u seta' effettivament jevitaha;

Fil-kaz attwali huwa sinjifikattiv li l-attrici sewwieqa ma tghidx li ma kellhiex vizwali biex tara il-vettura l-ohra izda li din dahlet fiha meta hi kienet wieqfa;

L-iskizz esibit ma fihx wisq dettalji izda hu indikattiv tal-posizzjoni finali taz-zewg vetturi. Jista' jizdied ukoll li il-posizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi tindika kemm li l-vettura tal-konvenut kienet fin-nofs kif ukoll li l-vettura tal-attrici Criminale tidher li kienet aktar ghal nofs it-triq milli fuq in-naha taghha meta saret il-habta. Dan hu forsi l-iktar element importanti li johrog minn dan l-iskizz ghaliex li kieku il-verzjoni taghha kienet veritjera m'hemmx spjegazzjoni ghala il-vettura taghha spiccat kif muri fl-iskizz. Jekk hu veru li l-konvenut irriversja ghal go fiha dan setgha biss sar meta il-vettura tal-attrici kienet fuq in-naha taghha tat-triq ghax hi tghid li kienet wieqfa meta l-

konvenut irriversja ghal go fiha. Dan wahdu fil-fehma tat-Tribunal hu sufficjenti biex ma jaccettax il-verzjoni tal-attrici Criminale. Jista jizdied pero' li anqas ix-xhud li kienet riekba maghha ma tikkonferma il-verzjoni taghha f'dak li hu essenzjali. Dana ghaliex din ix-xhud ma tghidx li il-vettura taghhom kienet wieqfa u li rat il-vettura tal-konvenut tirriversja ghal fuqhom, izda li il-vettura taghhom kienet miexja meta grat il-habta;

In konkluzjoni, ghalhekk, it-Tribunal ma jhossx li l-atturi lahqu il-grad tal-prova rikjest minnhom.

Ghal dawn il-motivi , it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-talbiet attrici, bl-ispejjes a kariku taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------